**QORTI KRIMINALI**

**Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Att ta' Akkuza numru 27/2012**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Jesmond (Jesmond Mary) Vella**

**Illum, 30 ta' Mejju 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra **Jesmond Mary Vella** , iben Martin u Maria Dolores nee` Falzon, imwieled Il-Pieta nhar id-19 t'Awissu 1976 u residenti San Pawl il-Baħar, detentur ta' karta tal-identita` numru **443376**(M), l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta jgħid:

**<u>KAP UNIKU</u>**

**<u>Il-fatti : -</u>**

Illi fid-19 ta' Ġunju 2008 u matul il-jiem u ġimgħat qabel din id-data l-akkużat Jesmond Mary Vella kellu fil-pussess xjenti tiegħu kwantità kbira ta' raża meħuda mill-pjanta Cannabis (hawn aktar l-isfel magħrufa bħala il-"cannabis").

L-akkużat kien jaħdem fl-industrija tal-kostruzzjoni, inkluż xogħol ta' tikħil u tibjid, u għal xi żmien ħadem f'dan il-qasam flimkien ma' ċertu John sive Ġanni Xuereb u ċertu Paul Spiteri. F'dan ix-xogħol, Ġanni Xuereb u l-akkużat kienu għamlu ħabta jużaw trakk (tal-marka Bedford, u li kien iġib in-numru tar-reġistrazzjoni DAO 036), liema trakk kien reġistrat f'isem Ġanni Xuereb, iżda li kien jiġi misjuq mill-akkużat u l-akkużat kien telqu pparkjat viċin ta' garage li jinsab fi Triq in-Naġġar, il-Mosta u li kien ukoll jiġi wżat mill-istess akkużat.

F'dawk il-jiem, il-Pulizija bdew jagħmlu stħarriġ dwar l-akkużat minħabba li kellhom suspett raġjonevoli li kien involut fil-pussess illegali ta' droga. Il-Pulizija bdew josservaw iċ-ċaqlieq tal-akkużat u wkoll għamlu osservazzjoni quddiem dak il-garage li kien juża fi Triq in-Naġġar, fil-Mosta. Nhar l-20 ta' Ġunju 2008 il-Pulizija iddeċidew li jintervjenu billi jagħmlu tfitxija fil-garage u f'xi vetturi li kien juża l-akkużat, fosthom fit-trakk Bedford hawn fuq imsemmi. Dak il-ħin li bdew isiru dawn it-tiftix, l-akkużat kien fejn dan il-garage flimkien ma xi nies oħra, tnejn ta' nisel Għarbi u ieħor Malti.

Mit-tfitxija li saret fil-garage, instabu żewġ speed boats (waħda minnhom bi tliet magni), u saret tfitxija wkoll fil-vetturi tal-marka Volvo u Land Rover, iżda hawn ma nstab xejn illegali. S'hawnhekk l-akkużat ikkopera mal-Pulizija mingħajr problemi.

Iżda meta l-Pulizija bdiet it-tfitxija fit-trakk Bedford hawn fuq imsemmi, l-akkużat beda jitbiegħed minn dan it-trakk, jopponi u nnega li kellu xi konnessjoni ma dan it-trakk. Iżda meta l-Pulizija bdew it-tfitxija f'dan it-trakk, fil-gabina tat-trakk, il-Pulizija sabu żewġ pjanċi ta' karozza li kienu jappartjenu lill-akkużat (bin-numri CAR-787), flimkien ma "log book" ta' karozza tal-marka Fiat, bin-numru tar-reġistrazzjoni KBG-934 li wkoll kienet tappartjeni lill-akkużat.

Apparti dawn l-oġġetti li kienu jappartjenu lill-akkużat, mill-kaxxa fejn titgħabba t-tagħbija tal-istess trakk, il-Pulizija sabet u wara elevat barmil, ossija tank tal-metall, li fil-wiċċ tiegħu kien hemm basket tal-plastik bil-ħobż niexef fih jgħattilu l-bokka. Meta l-Pulizija neħħiet dan il-basket tal-plastik bil-ħobż niexef, f'dan il-barmil ossija tank

tal-metall, il-Pulizija sabet basket tal-plastik ieħor li fih kien hemm maħżuna għoxrin blokka ta' raża meħuda mill-pjanta kannabis fil-qiegħ ta' dan il-barmil.

Dan il-basket li fih kien hemm dawn l-għoxrin blokka tar-raża meħuda mill-pjanta cannabis kien ġie imqiegħed f'dan il-barmil ossija tank tal-metall (fil-kaxxa ta' dan it-trakk) mill-akkużat stess meta kien jaf li f'dan il-basket kien hemm maħżuna dawn l-għoxrin blokka tar-raża meħuda mill-pjanta cannabis. Fil-mument li fih l-akkużat żamm, ġarr, qiegħed fil-barmil, u żamm maħżuna dan il-basket bl-għoxrin blokka tar-raża tal-cannabis moħbija fit-trakk hawn fuq imsemmi li kien isuq hu u li kien parkeggat ħdejn il-garage minnu użat u taħt l-isfera tal-influwenza tiegħu, u meta kien jaf li dawk il-blokok kienu jikkonsistu f'raża meħuda mill-pjanta cannabis, huwa jiġi li kien qiegħed fil-pussess xjenti ta' raża meħuda mill-pjanta cannabis bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dawn l-għoxrin blokka tar-raża meħuda mill-pjanta cannabis hawn fuq imsemmija, ġew elevati minn membri tal-Pulizija u wara li saret l-analiżi xjentifika fuqhom minn esperti maħtura mill-Qorti, irriżulta li fil-fatt dawn l-għoxrin blokka kienu jikkonsistu f'raża meħuda mill-pjanta cannabis u kellhom il-piż ta' erbat elef tminn mija sebgħa u għoxrin punt tlieta grammi (4827.3 gr) b'purita ta' tetrahydrocannabinol ta' ċirka 8.2% u li kienet iġġib il-valur fis-suq miftuħ ta' madwar tletin elf, disa mija tlieta u erbgħin euro (€30,943).

L-akkużat ma kienx awtorizzat jew b'xi mod ieħor liċenzjat b'xi liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet "**Il-Pulizija v. Jesmond Mary Vella**" tal-11 ta' Novembru, 2003 l-akkużat Jesmond Mary Vella instab ħati ta' diversi delitti.

**Il-konsegwenzi : -**

Illi b'għemilu hawn fuq imsemmi, Jesmond Mary Vella sar ħati talli kellu fil-pussess tiegħu ir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bażi din ir-raża li fit-total kien jammonta għal piż totali komplessiv ta' madwar erbat elef tminn mija sebgħa u għoxrin punt tlieta grammi (4827.3 g) b'purita ta' tetrahydrocannabinol ta' ċirka 8.2% u li kienet iġġib il-valur fis-suq miftuħ ta' madwar tletin elf, disa mija tlieta u erbgħin euro (€30,943) u dan meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-licenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u ma kienx awtorizzati bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu; kif ukoll li huwa reċidiv.

**L-Akkuża : -**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in bażi għall-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha aktar il-fuq imsemmija, jakkuża lill-imsemmi Jesmond Mary Vella, reċidiv f'delitt, bħala li sar ħati talli fid-19 ta' Ġunju 2008 u matul il-jiem u ġimgħat qabel din id-data, huwa kellu fil-pussess tiegħu ir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bażi din ir-raża meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u ma kienx awtorizzati bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew

b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu;

u billi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Jesmond Mary Vella" tal-11 ta' Novembru, 2003 l-akkużat Jesmond Mary Vella instab ħati ta' diversi delitti, l-Avukat Ġenerali qiegħed jaddebita lill-istess akkużat bir-reċidiva;

**Il-Piena :**

u jitlob għalhekk illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru flimkien mal-piena tar-reklużjoni għal mhux aktar minn tnax il-perjodu u multa ta' mhux anqas minn elfejn tlett mija u disa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċentezmi (€2329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmi (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(a), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(b)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u r-regolamenti 2, 9 u 16 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi [N.G. 292 tal-1939], u fl-artikoli 17, 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għal-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih bi sitt (6) voti favur u tlett voti (3) kontra sabu lil Jesmond Mary Vella hati tal-l-uniku Kap tal-akkuza.

Tiddikjara ghalhekk lil Jesmond Mary Vella hati talli:

Fid-19 ta' Ġunju 2008 u matul il-jiem u ġimgħat qabel din id-data, huwa kellu fil-pussess tiegħu ir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bażi din ir-raża meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u ma kienx awtorizzati bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Arthur Azzopardi, li jinsabu kollha registrati w maghmula nhar il-18 ta' Dicembru 2023 kif ukoll fis-seduti sussegwenti. L-Avukat difensur sostna li l-akkuzat ghandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-kap 101 tal-ligijiet ta' Malta stante li kien ikkopera mal-Pulizija u anke ippartecipa fi *control delivery* li waslet sabiex jibdew proceduri kontra tlett persuni.

Semghet lill-Avukat Generali jghid li f'dan il-kaz ghandu japplika it-tnaqqis ta' grad wiehed biss dan pero minghajr ma ta ebda gustifikazzjoni ghal dak minnu mistqar. Pero id-difiza irribatiet dak li stqarr l-Avukat Generali a bazi tas-sentenza moghtija mil-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Superjuri) fl-ismijiet **Republika ta' Malta vs Anna Spiteri** deciza nhar il-10 ta' April 2014, fejn persuna ghandha tibbenefika minn grad wiehed biss jekk tikxef biss u tieqaf hemm. Pero fil-kaz odjern sostniet id-difiza li l-akkuzat Vella kixef u ppartecipa *f'control delivery* u b'dak ir-ragunar fis-sentenza iccitata ordnat li l-akkuzat ta' dik is-sentenza Spiteri tibbenefika minn tnaqqis ta' zewg gradi. In oltre id-difiza ghamlet referenza ghal fatt li l-verdett ma kienx wiehed unanimu.

Id-difiza fis-seduta tat-18 ta' Dicembru, 2023 ghamlet ukoll referenza ghal sensiela ta' sentenzi li jixbhu l-kaz in desamina u dan sabiex jistieden lil din il-Qorti ma tmurx 'l boghod mill-pieni imposti minn qrati ohra biex ikun hemm xi forma ta' *sentencing policing* fir-rigward ta' ammont ta' droga fosthom iccitat is-segwenti:-

1. **Ir-Repubblika ta' Malta Vs Tiberiu-Miculescu** deciza fit-23 ta Novembru, 2023 ta' Frar 2016. F'dan il-kaz l-akkuzat kien akkuzat bir-reati ta' assoscjazzjoni biex jittrafika d-droga Cannabis, importazzjoni, u pussess aggravat tad-droga Cannabis bi purita ta' 28% f'ammont ta' 7.2 kilogrammi. F'dan il-kaz kien hemm patteggjament bejn l-akkuzat u l-prosekuzzjoni stante l-ammissjoni tieghu u wara li gie misjub hati gie ikkundannat jghamel tnax-il sena prigunerija u kundannat hlas ta' multa ta tmintax-il elf euro (€25,000).

2. **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eshiemokai Yamubu Okhiulu** moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta nhar it-12 ta' Settembru, 2023 fejn l-akkuzat instab hati ta' assoccjazzjoini fit-traffikar tad-droga Cannabis, importazzjoni tad-droga Cannabis u pussess aggravat tad-droga Cannabis fl-ammont ta' 593 grams bi purita ta' 7.5% u gie kkundannat ghall erbgha snin u nofs prigunerija u hamest elef euro ( €5,000) Multa.

3. **The Republic of Malta vs Pedro Augusto Charrett** moghtija minn din il-Qorti kif preseduta nhar il-5 ta' Settembru, 2023 fejn l-akkuzat instab hati ta' importazzjoni u pussess aggravat tad-droga raza mehuda mill-pjanta Cannabis f'ammont ta' tlett (3)kilos grammi rezina tal-cannabis b'purita ta' 22%. F'din il-kawza kien hemm ukoll ammissjoni min naha tal-akkuzat u gie kkundannat ghal tmien (8) snin u hamsa u ghoxrin elf (€25,000) euro multa.

4. **Ir-Repubblika ta' Malta kontra vs Clayton Galea** deciza mill-Qorti Kriminali nhar it-3 ta' April 2008 fejn l-akkuzat instab hati ta' traffikar u pussess aggravat tad-droga raza mehuda mill-pjanta Cannabis f'ammont ta' 'l fuq minn kilo rezina tal-cannabis. F'din il-kawza l-akkuzat instab hati u gie kkundannat ghal sitt (6) snin u hmsitax-il elf ( €15,000) euro multa.

Illi l-avukat difensur sostna li din il-qorti ghandha tapplika l-artikolu 29 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta u dwar dan l-ufficcjal prosekutur ddikjara li jaqbel pero stqarr li l-qorti ghandha tnaqqas grad wiehed fl-ghoti tal-piena.

L-artikolu 29 tal-kap 1010 jipprovdi s-segwenti:-

> *"here in respect of a person found guilty of an offence against this Ordinance, the prosecution declares in the records of the proceedings that such person has helped the Police to apprehend the person or persons who supplied him with the drug, or the person found guilty as aforesaid proves to the satisfaction of the court that he has so helped the Police, the punishment shall be diminished, as regards imprisonment by one or two degrees, and as regards any pecuniary penalty by one-third or one-half."*

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fl-ismijiet **The Republic of Malta v. Tony Johnson** deciza fit-23 ta' Ottubru 2014 fejn inghad is-segwenti fir-rigward tal-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-kap 101 tal-ligijiet ta' Malta.

> *The meaning of this article is clear. A reduction in punishment takes place when the person found guilty in terms of Chapter 101 "has helped the Police to apprehend the person or persons who supplied him with the drug" (emphasis by the Court). This meaning cannot be extended to include a situation where such person helps the Police apprehend the person for whom the drugs were destined or the person who may have acted as an intermediary – although such assistance may be taken into consideration by the Court in determining the appropriate punishment.*

Kif ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **The Republic of Malta v. Kamil Kurucu** deciz mill-Qorti tal-Apelli Kriminali (sede superjuri) nhar l-14 ta' Gunju 2007:

*"So that a person may benefit from the reduction in punishment contemplated in section 29, it is therefore not enough that he mentions the supplier. It has to result that, through such information, the accused has effectively helped the Police to apprehend the supplier. If, notwithstanding such information, the Police did not have sufficient evidence to charge the person mentioned in Court, or if the person mentioned had already been apprehended by the Police before the accused mentioned him, it cannot then be said that the accused helped the Police to apprehend the supplier. Otherwise, one could envisage situations where, in order that a person may benefit from a reduction in punishment, he might mention the names of persons who might be innocent, or the names of persons he might know to have already been apprehended in connection with dealing in drugs or provide false or erroneous indications."*[1]

Illi din il-qorti hija tal-fehma wara li ezaminat l-atti tal-kawza li iva ghandha tapplika l-provediment tal-artikolu 29 tal-kap 10 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mill-banda l-ohra din il-Qorti rat dak li intqal fis-sentenza moghtija mill- Qorti tal-Appelli Kriminali (sede Inferjuri) fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mark Mifsud** deciza nhar is-6 ta' Dicembru 2002 meta stqarret li: -

*Illi lanqas biss hemm bzonn illi jinghad minn din il-Qorti illi l-problema tad-droga infirxet ferm f'pajjizna, fniet u qerdet il-hajja ta' diversi persuni u tal-familjari taghhom u waslet necessarjament ghal zieda fil-kriminalita` fis-socjeta` taghna. Illi necessarjament irid jinghata messagg car mill-Qrati*

[1] Vide Appelli Kriminali Ir-Repubblika ta' Malta v. Antoine Debattista, 19th January 2006; Il-Pulizija v. Dennis Cuschieri, 7th January 1999; Il-Pulizija v. Sandro Mifsud, 2nd August 1999; Il-Pulizija v. Philippa sive Filippa Chircop, 2 ta' Marzu 2007.

*taghna li min jinstab hati ta' traffikar ta' droga irid jigi punit serjament u dana kemm sabiex il-piena sservi ta' deterrent, kif ukoll sabiex issir gustizzja mas-socjeta`. Din il-Qorti taghmilha cara li taqbel perfettament u bla rizervi ma' dawn iz-zewg brani ta' l-Ewwel qorti. Huwa veru li wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi personali tal-hati b'mod li ma jinjorax ghal kollox ir-riabilitazzjoni, jew riabilitazzjoni potenzjali, tieghu; pero` meta si tratta ta' reat serju bhalma huma u l-pussess aggravate fi kwantita kbira kif kien f'dan il-kaz l-element tad-deterrent u tal-gustizzja mas-socjeta` ghandu jipprevali fuq konsiderazzjonijiet ta' riabilitazzjoni.*

Rat ukoll li d-difiza ma kienitx qed tikkontesta li l-akkuzat huwa recidiv fit-termini tal-ligi tant li fis-seduta tal-14 ta' Dicembru, 2023 ezentat lill-prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq xhud tal-identita dwar is-sentenza esebita f'dawn l-atti. In vista ta' din id-dikjarazzjoni din il-Qorti qeda issib lill-akkuzat hati talli hu recidiv u ghalhekk sejra ukoll tapplika zieda ta' grad meta tigi biex teroga il-piena.

Rat il-fedina penali aggornata tal-akkuzat esebita f'dawn l-atti

**Ikkunsidrat:**

Għalhekk din il-Qorti wara li rat l-Artikoli 2 8(a), 9, 10(1), 12, 22(1)(a) (1B) (2)(a)(i), (3A) (a) (b) (c ) (d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviż legali 292/39) u fl-artikoli 17, 23, 31, 49 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, tiddikjara li qed issib lill-akkuzat hati tal-uniku kap tal-akkuza u talli hu recidiv u tkkundanna lill-hati Jesmond Mary Vella ghall-piena ta' ghaxar (10) snin prigunerija, w ghall-multa komplessiva ta' ghoxrin elef euro (€20,000) li jekk ma tithallas puntwalment tigi

konvertita f'terminu ulterjuri skond i-ligi u qed jigi kkundannat jhallas l-ispejjez tal-perizji konsistenzi fis-segwenti:-

1. Is-somma ta' €405.40 li giet imhalsa lill-espert Dr Martin Bajjada (Dok MB fol 58 Vol. I).
2. Is-somma ta' €167.43 li giet imhalsa lil PS 186 (Dok CM fol 74 Vol I)
3. Is-somma ta' €132.79 li giet imhalsa lil PS 1261 Charles Pace (Dok CP fol 82 Vol I)
4. Is-somma ta' €582.70 li giet imhalsa lil Dr Mario MIfsud (Dok MM fol 124 Vol I)
5. Is-somma ta' €129.28 li giet imhalsa lil PC 1525 Patrick Farrugia (Dok PF fol 187 Vol II)
6. Is-somma ta' €402.51 li giet imhalsa lil Joseph Mallia (Dok JM fol 214 Vol II)

Ghalhekk b'kollox ghandu ihallas lil Gvern ta' Malta is-somma ta' elf, tmien mija u ghoxrin euro u hdax-il centesmu euro (€1,820.11)

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom saru rreati w il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati.

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji fl-ammont ta' €1,820.11 ma jithallsux jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Godwin Sammut u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti, li għandha tagħmel verbal ta' tali distruzzjoni w iġġibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appożita li kopja tagħha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali u lill-ħati.

Tordna notifika ta din is-sentenza lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabeix tiehu hsieb jigbor l-ispejjez involuti fin-nomina tal-esperti kif ukoll il-multa inflitta.

**(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera**

**Imhallef**